**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 140/2017

Seduta tas-26 ta' Gunju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**Vs**

**Roderick Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Roderick Grima, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 136688 M akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, nhar l-20 ta' Mejju 2016, bejn it-15.00hrs u 16:00hrs, ġewwa Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara:

1) Ikkommetta serq aggravat għad-detriment ta' Jonathan Farrugia ID 312782 (M) u/jew persuni oħra, liema serq hu ikkwalifikat:

   a) Bil-'valur' meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), imma fejn il-valur tal-ħaġa misruqa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmnu (2,329.37); u kif ukoll

   b) Bix-'xorta tal-ħaġa misruqa' meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta'; jew fuq xi ħaġa li tkun ġo dik il-vettura.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, perjodu, ħin, lok u ċirkostanzi:

2) Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli għad-detriment ta' Jonathan Farrugia ID. 312782 (M) u/jew persuni oħra:

   a) Fejn l-ammont tal-ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (2,500), iżda hi iżjed minn mitejn u ħamsin euro (250)

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016, bejn 14:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara:

3. Bil-ħsieb li jikkommetti serq aggravat għad-detriment ta' Emanuel Baldacchino ID. 334480 (M) u/jew persuni oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt; liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta tiegħu u li kieku dan is-sreq seħħ kien ikun ikkwalifkat:

   b) Bil-'valur' meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), imma fejn il-valur tal-ħaġa misruqa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmnu (2,329.37); u kif ukoll

   b) Bix-'xorta tal-ħaġa misruqa' meta jsir fuq xi vettura f'post pubbliku jew f'post aċċessibli għall-pubbliku, jew fuq xi parti jew aċċessorju ta'; jew fuq xi ħaġa li tkun ġo dik il-vettura.

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016 bejn 14:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Birkirkara:

4) Waqt li kien f'xi post pubbliku immolesta n-nies sabix jitlob il-karita;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016 bejn 14:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Birkirkara:

5) Xjentement, jew wara twissija xierqa, ostakola jew tellef fl-eżekuzzjoni ta'dmirijiethom, jew ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, u/jew irreżista l-arrest;

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016 bejn 14:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Birkirkara:

6) Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn WPS 50 O. Spiteri uffiċjal pubbliku waqt li kienet qed taqdi d-doveri tagħha jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-

qadi ta' dmirijietha.

U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-30 ta' Mejju 2016 bejn 14:00hrs u 16:00hrs, ġewwa Birkirkara:

7) M'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kien jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista'jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm il-darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma jkuns taħt disposizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

U aktar talli:

8) Irrenda ruħu reċidiv b'diversi sentezi tal-Qrati ta' malta u dan ai termini tal-Art.49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-21 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputat Roderick Grima ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi u ikkundannatu sentejn (2) priġunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Roderick Grima, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti għal dik li hija sejbien ta' ħtija iżda tirriformaha in kwantu għal piena u dana billi tagħti piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-uniku aggravju devolut ghal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti huwa marbut unikament mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti billi l-appellant dehrlu li ma inghatax piz lil dak mistqarr mill-Ufficjal tal-Probation fil-*pre-sentencing report* redatt minnha u ukoll billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti naqqset milli tindirizza l-problema akuta li huwa ghandu tal-vizzju tad-droga.

Illi prelimiarjament l-Avukat Generali iqajjem kritika fil-mod kif gie redatt ir-rikors tal-appell meta isostni illi dan huwa nieqes minn esposizzjoni tal-fatti u dan kif hemm dispost fl-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali. Dan maghdud l-Avukat Generali ikkonceda illi bl-emendi li dahhlu fis-sehh bl-Att I tal-2018, l-karenza ta'l-istess fatti ma iggibx il-konsegwenzjali nullita tal-att promotur tal-appell.

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar ma' din il-fehma ta'l-Avukat Generali. Jizdied biss jinghad illi dan l-appell huwa wiehed limitat ghal piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan stante li l-appellant ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu tant illi fil-korp tar-rikors hemm indikat illi l-fatti huma ammessi minnu u allura kienet tonqos il-htiega li joqghod jelenka d-dettalji li wasslu ghall-arrest tieghu u s-segwenti kundanna.

Illi fil-fatt l-appellant jinsab mixli b'diversi akkuzi tas' serq aggravat, tentattiv ta' serq, insubordinanza lejn l-ufficjal tal-pulizija, u akkuzi ohra ta' natura kontravvenzjonali fosthom li tlajja barra biex jigbor il-karita'. Dawn il-fatti kriminuzi u li ghalihom l-appellant ammetta b'mod inkondizzjonat sehhew nhar l-20 ta' Mejju 2016, meta l-pulizija rċevew rapport mingħand Jonathan Farrugia li nfurmhom illi dakinhar stess għall-ħabta tat-3:00pm ipparkja l-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAJ584 ġewwa triq Dun Gejtanu Mannarino, B'Kara u kif irritorna għall-ħabta tat-3:30pm innota li kien hemm basket nieqes mill-vettura tiegħu. Farrugia nduna wkoll li kien hemm għafsa fuq in-naħa tax-xellug fuq il-*mudguard* ta' wara filwaqt li s-serratura tal-bieba tal-istess naħa kienet imkissra. Irriżulta li kien hemm xi filmati li kienu nġiebu mill-istabbiliment James Caterers li jinstab faċċata fejn kienet ipparkjata l-vettura

ta' Farrugia li kienu jiġbdu din ix-xen fejn bejn il-ħin tat-3:10 u t-3:30pm innotaw li kien hemm raġel għaddej waħdu li seta' kien involut fis-serqa. Sussegwentement nhar it-30 ta' Mejju 2016 daħal rapport ieħor l-għassa ta' Birkirkara minn Emanuel Baldacchino li rraporta illi għall-ħabta tat-14:45pm hu kellu l-vettura tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni JBI324 ipparkjata ġewwa Triq in-Naxxar, Birkirkara sakemm niżel jixtri xi affarijiet u ħalla t-tfal fil-karrozza. Meta rritorna, uliedu nfurmawh illi kien resaq lejn il-vettura raġel li kien liebes *top* blu u li kien daħħal idejh fit-tieqa sabiex jieħu l-*mobile phone* tal-kwerelant filwaqt li kien fuq is-siġġu tal-passiġier. It-tfal kienu waqfuħ u b'hekk ħu telaq idu f'idu. L-kwerelant kien umbagħad għadda minn fejn dan ir-raġel fejn ħadlu ritratt u pprovdieħ lill-pulizija. Meta l-pulizija għamlu ronda mal-madwar innutaw il-persuna li kienet ġiet iffotografata u li rriżulta li kien l-appellant. Irriżulta wkoll li aktar tard l-appellant kien immolesta żewġ nisa gewwa Birkirkara sabiex jaghtuh il-flus. L-appellant kien ħarab meta gie nfurmat li kien taħt arrest iżda l-pulizija rnexxielhom jaqbduh, gie arrestat u interrogat fejn wara li tressaq il-Qorti ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

Issa l-Ewwel Qorti, meta ġiet biex tikkonsidra l-piena idoneja fil-konfront tal-appellant, ħadet qies tal-ammissjoni bikrija tieghu, il-koperazzjoni fil-kors tal-investigazzjonijiet fejn l-appellant ammetta r-responsabbilta' tiegħu għar-reati in kwistjoni, ir-reċidivita' tiegħu fit-termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll il-fatt li hu kien ingħata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruħu mill-Qrati tagħna li madankollu ma swew għal xejn. L-Ewwel Qorti strahet b'mod specjali fuq il-*Pre Sentencing Report* imhejji mill-Ufficjal tal-Probation Saviour Lia li wasal ghal konkluzjoni illi l-appellant ghalkemm gie meghjun diversi drabi biex jeghleb il-vizzju tad-droga, madanakollu 'naqas milli jużufruwixxi minn din l-opportunita' u kompla jabbuża mid-droga u jsegwi t-triq tal-kriminalita' sabiex jiffinanzja l-vizzju'. In oltre l-ewwel Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt li l-appellant qed jirrifjuta li jsegwi programm residenzjali li kien qed jiġi

rakkomandat mill-Ufficjal tal-Probation għall-aħjar tiegħu kemm fuq livell soċjali u anki sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita li tifli u tara kemm ix-xhieda tal-uffiċjal tal-probation Saviour Lia kif ukoll il-*Pre Sentencing Report* redatt minnu fejn jidher ċar illi allavolja saru diversi sforzi mal-appellant sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jitlaq mill-vizzju tad-droga li kienet ħakmitlu ħajtu, hu ma tantx wera rieda jew interess sabiex ighin lilu innifsu. Hu ma kienx koperattiv meta mitlub jattendi għall-appuntamenti u meta sarulu t-testijiet tal-urina dawn kienu posittivi għad-droga. Jidher ukoll li xogħol stabbli qatt ma kellu u l-appellant wera ċar, u nfatti stqarrha seduta stante quddiem l-Ewwel Qorti, li ma kellux interess li jagħmel programm residenzjali iżda biss li jżomm kuntatt mal-Caritas jew mas-Sedqa wara li joħroġ mill-ħabs. Inoltre mill-fedina penali tieghu jidher illi huwa diga instab hati diversi drabi ta' reati marbuta mal-offiza tas-serq.

Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:

> ***(a) the punishment of offenders***
> ***(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)***
> ***(c) the reform and rehabilitation of offenders***
> ***(d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.***

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi f'dan il-kaz ghalhekk il-Qorti ghandha taghti l-harsien lill-pubbliku in generali u dan ghaliex billi l-appellant ma ghandux interess johrog mill-vizzju tad-droga, tezisti l-biza rejali ta' repetizzjoni tal-offizi u dan kif tixhed il-fedina

penali tieghu. Fuq kollox jekk l-appellant verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin li joffru dan is-servizz.

Kwindi din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-piena erogata mill-Ewwel Qorti li taqa' fil-parametri tal-ligi.

Illi mill-komputazzjoni li għamlet din il-Qorti tal-inqas piena li seta' jingħata l-appellant jidher illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(d), l-appellant ma setax jeħel inqas minn ħmistax il-xahar effettivi u dan mingħajr iż-żieda tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Jidher in oltre mill-fedina penali tiegħu li l-appellant kien diġa nstab ħati ta' żewġ reati oħra konsistenti f'serq u allura bl-applikazzjoni tal-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali l-piena tista' tizdied sa tlett gradi. Dan ifisser li l-piena minima hija dik tal-prigunerija ta' bejn tmintax il-xahar u tlett snin u allura l-piena karċerarja imposta ta' sentejn mill-Ewwel Qorti kienet definittavment fil-parametri tal-liġi u fil-fehma ta' din il-Qorti din m'għandiex tiġi mibdula jew varjata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(FT) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur